**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 6 ta' Lulju 2017**

**Kawza Numru: 18**

**Rikors Numru: 794/2016 JPG**

**Tapram Limited (C 37098)**

**VS**

**Raymond Bezzina (I.D. no. 737262M)**
**u R. Bezzina Car Hire**
**Company Limited (C17654)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Tapram Limited (C 37098), datata 12 ta' Settembru 2016, li jaqra hekk;

***Raguni tat-Talba u Dikjarazzjoni tal-Fatti***

1. *Illi s-socjeta' attrici toffri servizzi ta' kiri ta' vetturi;*

2. *Illi fost in-negozju taghha s-socjeta attrici toffri anke l-vetturi taghha lil terzi operaturi fl-istess qasam ta' negozju, sabiex dawn tal-ahhar jergghu jikru l-istess vetturi lil terzi persuni ohra;*

3. *Illi l-konvenuti ukoll joperaw fis-settur tal-kiri tal-vetturi;*

4. *Illi bejn is-socjeta attrici u l-konvenuti kien hemm relazzjoni ta' negozju kif spjegat fil-paragrafu 2 supra;*

5. *Illi billi l-konvenuti jew min minnhom kienu jikru ammont konsiderevoli ta' vetturi mis-socjeta' attrici din tal-ahhar ma kinitx titlob il-hlas immedjat ghal kull vettura li kienet tikri izda kienet mensilment tibghat lill-konvenuti jew min minnhom invoices bl-ammonti dovuti;*

6. *Illi l-konvenuti jew min minnhom kienu perjodikament jaghmlu pagamenti akkont tal-ammont dovut lis-socjeta' attrici b'dan illi sa Marzu tal-2015 il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici kien ta' mija disgha u ghoxrin elf, disa' mija u erbatax-il Ewro u wiehed u disghin centezmu tal-Ewro (€129,914.91);*

7. *Illi l-ammonti dovuti lis-socjeta' attrici mill-konvenuti jew min minnhom jikkonsistu f'ammonti dovuti ghas-servizz ta' kiri ta' vetturi provdut mis-socjeta' attrici lill-istess konvenuti jew min minnhom liema vetturi kienu jergghu jinkrew lil terzi mill-konvenuti jew min minnhom, f'ammonti dovuti mill-konvenuti jew min minnhom ghal numru ta' kontravvenzjonijiet waqt l-uzu tal-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew minn minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom, f'ammonti ghal spejjez u danni relatati ma' incidenti awtomobilistici rekati lill-istess vetturi minghandhom, u ghall-excesses imhallsa mis-socjeta attrici lis-socjetajiet' assiguratrici u/jew agenti b'konsegwenza ta' tali incidenti awtomobilistici;*

8. *Illi l-ammont surreferit, ossia l-bilanc fl-ammont ta' mija disgha u ghoxrin elf, disa' mija u erbatax-il Ewro u wiehed u disghin centenzmu tal-Ewro (€129,914.91) kif ser jirrizulta fil-kors tal-proceduri, jikkonsisti fis-segwenti:*

   a) *Sitt elef seba' mija u erbgha u sebghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu tal-Ewro (€6,774.53) rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti jew min*

*minnhom ghal numru ta' kontravvenzjonijiet waqt l-uzu tal-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom;*

b) *Mitejn tmienja u ghoxrin elf u sitta u ghoxrin Ewro u erbgha u tmenin centezmu tal-Ewro (€228,026.84) rapprezentanti ammont ghas-servizz ta' kiri ta' vetturi provdut mis-socjeta' attrici lill-konvenuti jew min minnhom, liema ammont jinkludi l-VAT relattiv;*

c) *Elfejn tmien mija hamsa u ghoxrin Ewro u erbgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,825.34) rapprezentanti spejjez u danni relatati ma' incidenti awtomobilistici rekati lill-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom; u*

d) *Elf sitt mija u tnejn u tletin Ewro (€1,632) rapprezenti excesses imhallsa mis-socjeta attrici lis-socjetajiet assiguratrici u/jew agenziji b'konsegwenza ta' tali incidenti awtomobilistici*

*li flimkien jammontaw ghas-somma komplessiva ta' mitejn disgha u tletin elf, mitejn u tmienja u hamsin Ewro u wiehed u sebghin centezmu tal-Ewro (€239,258.71) akkont ta' liema somma l-konvenuti jew min minnhom hallsu s-somma ta' mija u disat'elef, tliet mija u tlieta u erbghin Ewro u tmenin centezmu tal-Ewro (€109,343.80) permezz ta' pagamenti perjodici maghmula minnhom jew min minnhom;*

9. *Illi billi l-konvenuti jew minnhom naqqsu milli jhallsu l-bilanc surreferit, is-socjeta' attrici prezentat ittra ufficjali bin-numru 827/2015, fejn interpellat lill-konvenuti jew min minnhom ihallsuha l-bilanc dovut flimkien ma' imghaxijiet fuq l-istess bilanc;*

10. *Illi b'ittra ufficjali risponsiva bin-numru 1654/2015, il-konvenut Raymond Bezzina allega illi m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta ammettiet li ghandha xi debiti dovuti lis-socjeta' attrici;*

11. *Illi sussegwentement wara illi l-konvenuti pprezentaw l-ittra ufficjali risponsiva surreferita, huma bdew jeffettwaw numru ta' pagamenti lis-socjeta' attrici li flimkien jammontaw ghas-somma ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000), b'dan illi l-bilanc dovut gie ridott ghas-somma ta' mija u tnax-il elf, disa' mija u erbatax-il Ewro u wiehed u disghin centezmi tal-Ewro (€112,914.91), liema somma tinkludi l-VAT relattiv;*

12. *Illi billi l-konvenuti jew min minnhom naqqsu milli jhallsu l-bilanc surreferit kellha tinfetah il-prezenti kawza;*

13. *Illi d-direttur tas-socjeta' attrici, ossia Patrick Xuereb, jaf b'dawn il-fatti personalment.*

**Talbiet:**

***Ghaldaqstant****, jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja l-ghoti ta' kull dikjarazzjoni ohra necessarja u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huwa:*

   i) *debituri tas-socjeta attrici ghas-servizz ta' kiri ta' vetturi provdut mis-socjeta' attrici lill-istess konvenuti jew min minnhom liema vetturi kienu jergghu jinkrew lil terzi mill-konvenuti jew min minnhom,*

   ii) *responsabbli ghal u kif ukoll debituri tas-socjeta attrici ghall-ammonti dovuti mill-konvenuti jew min minnhom ghal numru ta' kontravvenzjonijiet waqt l-uzu tal-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom,*

   iii) *responsabbli ghal u kif ukoll debituri tas-socjeta attrici ghal spejjez u danni relatati ma' incidenti awtomobilistici rekati lill-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom,*

iv) *responsabbli ghal u kif ukoll debituri tas-socjeta attrici ghall-excesses imhallsa mis-socjeta' attrici lis-socjetajiet assiguratrici u/jew agenziji b'konsegwenza ta' tali incidenti awtomobilisticil;*

2. *Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' mija u tnax-il elf, disa' mija u erbatax-il Ewro u wiehed u disghin centezmi tal-Ewro (€112,914.91), li jinkludi l-VAT relattiv, jew somma ohra verjuri, li talvolta ghandha tigi llikwidata minn din l-Onorabbli Qorti, prevja jekk ikun hemm bzonn permezz ta' Periti nominandi, u dan ghas-servizz ta' kiri ta' vetturi provdut mis-socjeta' attrici lill-istess konvenuti jew min minnhom liema vetturi kienu jergghu jinkrew lil terzi mill-konvenuti jew min minnhom, ghall-ammonti dovuti mill-konvenuti jew min minnhom ghal numru ta' kontravvenzjonijiet waqt l-uzu tal-istess vetturi waqt li kienu fil-pusses tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom, ghal spejjez u danni relatati ma' incidenti awtomobilistici rekati lill-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom u ghall-excesses imhallsa mis-socjeta attrici lis-socjetajiet assiguratrici u/jew agenziji b'konsegwenza ta' tali incidenti awtomobilistici;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u tnax-il elf, disa' mija u erbatax-il Ewro u wiehed u disghin centezmi tal-Ewro (€112,914.91), li jinkludi l-VAT relattiv, jew dak l-ammont ulterjuri llikwidat minn din l-Onorabbli Qorti liema ammont jirrapprezenta bilanc ghas-servizz ta' kiri ta' vetturi provdut mis-socjeta' attrici lill-istess konvenuti jew min minnhom liema vetturi kienu jergghu jinkrew lil terzi mill-konvenuti jew min minnhom, ghall-ammonti dovuti mill-konvenuti jew min minnhom ghal numru ta' kontravvenzjonijiet waqt l-uzu tal-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom, ghal spejjez u danni relatati ma' incidenti awtomobilistici rekati lill-istess vetturi waqt li kienu fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom jew terzi li krew il-vetturi minghandhom u ghall-excesses imhallsa mis-socjeta attrici lis-socjetajiet assiguratrici u/jew agenziji b'konsegwenza ta' tali incidenti awtomobilistici;*

*Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 827/2015, u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, li qed jigu ipprezentati kontestwalment ma din il-kawza, u b'rizerva ta' atti kawtelatorji ulterjuri li jistghu jigu intavolati fil-mori tal-proceduri u bl-imghax legali fuq il-bilanc mid-data li fiha l-konvenuti gew notifikati bl-ittra ufficjali surreferita sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra li tikkompeti lis-socjeta attrici skont il-Ligi kontra l-konvenuti jew min minnhom.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' affissjoni u permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (a fol 19), u fil-Gazzetta Lokali (a fol 28);

Rat ir-Risposta guramentata tal-konvenuti **Raymond Bezzina** detentur karta tal-identita numru 737262(M) u ta' **Bezzina Car Hire Company Limited (C-17654);**

1. *Illi fl-ewwel lok, il-konvenut Raymond Bezzina mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan peress illi qatt ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta Tapram Limited stante illi huwa qatt ma ghamel ebda forma ta' negozju mas-socjeta attrici f'ismu personalment u dan kif se jigi pruvat ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri, mis-smiegh tal-provi prodotti;*

2. *Illi konsegwentement huwa jigi liberat minn l-osservanza tal-gudizzju u ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din l-istanza;*

3. *Illi inoltre, jigi ulterjorment sottomess, u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi in ogni caso it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi ebda ammont ta' flus ma huwa dovut minn naha tal-konvenuti a favur tar-rikorrenti;*

4. *Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt illi l-konvenuti ma humiex debituri tas-socjeta attrici, jista jkun illi hemm xi ammonti dovuti a favur taghha, da parti ta' certu Christian Borg, illi filfatt kien ukoll imexxi agenzija ta' kiri ta' karozzi flimkien mas-socjeta konvenuta Ray Bezzina Car Hire Company Limited;*

5. *Illi ghalhekk Christian Borg ghandu wkoll jigi kjamat in kawza;*

   *Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz; bl-ispejjez kontra l-istess socjeta attrici.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet rigward l-eccezzjoni Numru 5 ta' Raymond Bezzina, u R.Bezzina Car Hire Company Limited, datata 30 ta' Mejju 2017, (vide fol 31 et seq);

Rat in-nota responsiva tas-socjeta rikorrenti Tapram Limited (vide fol 36 et seq);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza preliminari rigward l-eccezzjoni numru hamsa sollevata mill-intimati illi hija fis-sens li certu Christian Borg ghandu jigi kjamat in kawza ghaliex jista' jkun hemm xi ammonti dovuti minn Borg lis-socjeta rikorrenti stante li Borg kien imexxi agenzija ta' kiri ta' karozzi flimkien mas-socjeta ntimata. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati spjegaw illi Borg kien fin-negozju tal-kiri tal-karozzi mal-intimati, bhala Goldcar Malta, u jghidu illi mill-assjem tal-provi ser jirrizulta illi filfatt dan Borg kien jinnegozja fil-kiri tal-karozzi direttament.

Is-socjeta ntimata oggezzjonat ghal dan, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha argumentat illi l-ewwel nett l-intimati kienu, permezz ta' nota ufficjali responsiva, accettaw illi kellhom jaghtu xi flus lis-socjeta rikorrenti u qatt ma semmew lil Borg; l-intimati u Borg ma kellhomx negozju flimkien izda kienu jiggestixxu negozji separati u li fi kwalunwke kaz, il-ftehim bejn il-partijiet huwa *res inter alios acta;* u fl-ahhar, illi l-kjamata in kawza ta' Borg m'hijiex proceduralment ammissibli peress illi l-istitut tal-kjamat in kawza m'huwiex intiz sabiex ikun hemm sostituzzjoni tal-konvenut.

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward tal-istatut tal-kjamat in kawza, s-sentenza **Direttur Generali ta' l-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et** deciza **fit-18 ta' Novembru 1998** per **Onor. Imh. Raymond Pace** iddelinjat diversi principji u cirkostanzi li fihom gie ammess b'success kjamat f'kawza bejn partijiet ohra :-

> 1. ***"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita tal-giudizzju, b' mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-re-integrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.***
>
> 2. ***Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il- kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru 1991)."***

L-istess sentenza osservat illi l-Istitut tal-Kjamat in Kawza gie utilizzat mill-Qrati Maltin sabiex jinkludi cirkostanzi fejn jew sabiex:

1. jigu evitati multiplicita ta' kawzi u gudizzji: "Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa" (App.Civ. 26 ta' Gunju 1961);

2. tigi evitata possibilita ta' giudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzzjoni - "A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia" (App. Civ. 26 t'Ottubru 1956);

3. l-interess tal-konvenut verso terza persuna jigi protett – "Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe" (Prim Awla. 11 ta' Marzu 1952);

4. ikun fl-interess ta' terza persuna u l-attur, sabiex il-giudizzju jigi osservat sew - "Anthony Cini vs Joseph Demanuele" (App.Civ. 8 ta' Frar 1946)".

Fis-sentenza **"Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et"** deciza **mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997,** dik il-Qorti irriteniet:

> ***"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".***
>
> ***"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista' tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".***

**(Vide ukoll Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine deciza fis-6 ta' Ottubru 2000,mill-Qorti tal-Appell vol LXXXIV PT.II Sez.I Pt.III a fol 1169**; ***Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru.1991 ;*** **Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited deciza fit-8 ta'Ottubru 2004 per Onor. Imh. Geoffrey Valenzia u kif ukoll Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et. deciza fl-1 ta'Lulju 1999 per Onor. Imh. Raymond Pace).**

Izda huwa principju risaput illi l-kjamata in kawza ta' terza persuna **m'hijiex ammissibli fejn din tkun timporta is-sostizzjoni tal-konvenut, u mhux biss is-semplici re-integrazzjoni tal-process.**

Filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **Teresa armla Cilia vs Vincenzo Drago et** deciza fit-3 ta' Frar 1960 il-Qorti tal-Appell kienet ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> "*Illi huwa minnu li gie hafna drabi deciz minn dawn it-Tribunali li l-kjamata in kawza mhix ammissibbli meta l-interess tal-persuna li ghandha tigi kjamata kien jesisti mill-bidu tal-procediment, imma gurisprudenza lokali altrettanto awtorevoli, bazata fuq studju aktar penetrattiv tal-istess gurisprudenza relattiva affermat li* ***dak l-principju li gie fuq enunzjat huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna***

***<u>assolutament estranea u ma jkollu ebda interess fil-kawza ghar-raguni logika li f' kazi simili bil-kjamata ikun hemm sostituzzjoni tal-konvenut mill-persuna tal-kjamata</u>****, mentri jekk il-konvenut inizjali, ghalkemm ma jkunx l-uniku interessat fil-fatt ikollu ukoll interess fil-kawza, l-istess kjamata ta' interessati ohra mal-konvenut inizjali u originarju, li jkollu interess, il-procedura invokata ma tkunx qieghda tapporta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-process u kwindi l-istess hija permessa u sostenibbli.*"

Dan il-principju gie rikonoxxut u kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph u Marianne Bellizzi vs Awtorita Marittima ta' Malta et** deciza fit-30 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma illi:

"[g]*halhekk il-posizzjoni legali in subjecta materja illum hi fis-sens li s-sejha fil-kawza tal-persuna li ghandha interess fl-esitu tal-gudizzju ghandha tigi ammessa biex jigi reintegrat il-procediment ghax meta l-konvenut originali jkun diga' interessat fil-kawza il-gudizzju diga' jkollu 'res standi', u l-ammissjoni tat-terz interessat jkun qed iservi biex jirrentegra l-procediment.* ***<u>Filwaqt li jekk il-konvenut originali ma jkollu ebda interess fil-kawza, bl-ammissjoni tat-terzi interessati, il-Qorti tkun "qeghda tirreintegra gudizzju li originarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta' jieqaf legalment." Ghaldaqstant is-sostituzzjoni tal-konvenut originali mhux ammessa</u>***."

Fid-dawl tal-principji hawn fuq enuncjati, il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-intimati m'hijiex fondata u dan ghal zewg ragunijiet:

1. L-ewwel nett, il-Qorti taqbel mas-socjeta rikorrenti illi kwalunkwe negozju li seta' kien hemm bejn l-intimati u Borg huwa *res alios acta* u ma jinfluwixxi xejn fuq dawn il-proceduri. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi ghalkemm kienu l-intimati li talbu il-kjamata in kawza ta' Borg, huma naqqsu milli jressqu imqar prova wahda rigward l-involviment tieghu fin-negozju li huwa mertu ta' din il-kawza, u dan minkejja l-fatt illi galadarba kienu huma li talbu l-kjamat in kawza ta' Borg, kienu huma li kellhom jipprovaw li Borg ghandu l-interess guridiku rikjest biex jigi kjamat in kawza. Mill-atti

li ghandha quddiema l-Qorti, ma jidhirx li n-negozju bejn il-kontendenti kien jinvolvi lil Borg, u dana tant illi, fl-ittra responsiva tat-8 ta' Mejju 2015 mibghuta mill-intimati lis-socjeta rikorrenti, l-intimati ma semmewx lil Borg. Huwa cert li kieku kien minnu li kwalunkwe flejjes setghu kienu dovuti minn Borg, zgur illi l-intimati kienu ser issemmu dan fl-ittra responsiva taghhom mill-ewwel. Mill-assjem tal-prova quddiem il-Qorti f'dan l-istadju ma' jidhirx illi Borg ghandu l-interess guridiku rikjest sabiex jigi imsejjah f'din il-kawza.

2. Minbarra dan, hija fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi anke li kieku kellu jigi accettat li Borg kellhu l-interess guridiku rikjest biex jigi imsejjah f'din il-kawza, il-kjamata in kawza tieghu f'dawn ic-cirkostanzi, hija proceduralment inammissibbli **galadarba dak li l-intimati jridu jiksbu, huwa proprju s-sostituzzjoni tal-konvenut.** Filfatt, minbarra l-eccezzjoni li Borg ghandu jigi kjamat in kawza, **l-intimat ecceppixxa li m'huwiex l-legittimu kontradittur**, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jispjegaw illi jekk hemm xi somma dovuta, **din hija dovuta minn Borg u mhux mill-intimati,** haga, illi kif jidher mill-gurisprudenza hawn fuq citata, m'hijiex permessa. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimati ma' tistghax tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad il-hames eccezzjoni tal-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez riservati ghal vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**